ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

StudentBounty.com

Rotta

## IT-TIELET SENA L-ISTORJA (ĠENERALI) IL-ĦIN: SIEGĦA U NOFS

**L-Isem:** ______________________ **Il-Klassi:** ______________

1. **Niżżel numri minn 2 sa 11 fil-kaxxi l-vojta biex turi x'użu kienu jagħmlu l-Kavallieri minn dawn il-postijiet f'Malta. In-numru 1 hu lest bħala eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | It-Tarzna | | il-post fejn kien jinħażen il-qamħ. |
| 2 | Il-*Monte di Pietà* | | il-Qorti tal-Ordni fil-Belt Valletta. |
| 3 | Il-Knisja Konventwali | | il-maħżen ewlieni għall-armi. |
| 4 | Il-Fosos tal-Furjana | | fejn kienu jgħixu l-Kavallieri skont il-lingwa tagħhom. |
| 5 | Il-Palazz Maġisterjali | | sptar għall-morda bil-pesta. |
| 6 | L-Armerija | | il-post fejn kien jgħix il-Gran Mastru fil-Belt. |
| 7 | Il-Buskett | **1** | il-post fejn kienu jissewwew il-galeri u x-xwieni. |
| 8 | Is-'Sacra Infermeria' | | il-post fejn il-Kavallieri kienu jmorru għall-kaċċa. |
| 9 | Il-Kastellanija | | il-post fejn il-Maltin kienu jirhanu d-deheb tagħhom. |
| 10 | Il-Bereġ | | il-post fejn il-Kavallieri kienu jaqdu d-dmirijiet spiritwali tagħhom. |
| 11 | Il-Lazzarett | | l-isptar ewlieni tal-Ordni f'Malta. |

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**2. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

StudentBounty.com

Il-Gran Mastru kien jintgħażel mill-Kavallieri. Hu kien imexxi l-Ordni sa mewtu. Il-Maltin kienu jqisuh bħala s-Sovran ta' Malta. Biex imexxi l-Ordni, il-Gran Mastru kien ilaqqa' l-Gran Kunsill magħmul mill-ogħla membri tal-Ordni. Diversi karigi tal-Ordni kienu jitmexxew mill-Gran Prijuri tal-Bereġ. L-Ammirall tal-Flotta kien jintgħażel minn fost il-Kavallieri Taljani. Il-Gran Ospitalier tas-Sacra Infermeria kien ikun Kavallier Franċiż. Is-Seneskal kien jintgħażel minn fost il-Kavallieri Spanjoli.

Il-Kavallieri ma neħħewx l-Università tal-Imdina u ta' Għawdex meta ġew Malta fl-1530. Mhux talli hekk, iżda huma waqqfu Università oħra fil-Belt Valletta. L-aktar magħrufa kienet dik tal-Imdina u kienet tmur lura sa żmien l-Aragoniżi. Din kienet tikkonsisti f'diversi uffiċjali Maltin eletti kull sena u kkonfermati mill-Gran Mastru.

2.1 Għaliex il-Gran Mastru kien jitqies bħala s-Sovran ta' Malta ?

________________________________________ (1)

2.2 Għaliex taħseb li kien jitlaqqa' l-Gran Kunsill ?

________________________________________ (2)

2.3 X'kien id-dmir ewlieni ta':

(a) il-Gran Prijuri ________________________________ (1)

(b) l-Ammirall ________________________________ (1)

(c) il-Gran Ospitalier ? ________________________________ (1)

2.4 X'kienet l-Università li tissemma' fis-sors?

________________________________________ (1)

2.5 Għaliex taħseb li l-Università tal-Imdina kienet aktar importanti minn dik tal-Belt ?

________________________________________ (1)

2.6 Ikteb VERU jew FALZ :

(a) Il-Ħakem kien jissejjaħ ukoll il-Kaptan tal-Virga ____________________ (1)

(b) L-uffiċjali Maltin kienu jkunu eletti kull ħames snin ____________________ (1)

(c) It-teżorier kien jieħu ħsieb il-kontijiet tal-Università ____________________ (1)

(d) L-uffiċjali tal-Università setgħu jivvutaw fl-elezzjoni tal-Gran Mastru ____________ (1)

**(Total : 12-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**3. Ħares sewwa lejn dawn u wieġeb il-mostoqsijiet kollha.**



**Sors A**



**Sors B**

3.1 X'tip ta' fortifikazzjoni jidhru fis-sorsi ta' hawn fuq?

______________________________________________ (1)

3.2 Għaliex taħseb li din il-fortifikazzjoni nbniet f'dik il-pożizzjoni?

______________________________________________ (2)

3.3 Fejn kienu jinbnew strutturi ta' dan it-tip?

______________________________________________ (1)

3.4 X'tinnota dwar il-ħitan tal-fortifikazzjoni li tidher f'Sors A?

______________________________________________ (1)

3.5 Għaliex taħseb inbena hekk ?

______________________________________________ (1)

3.6 X'kienu jissejħu s-suldati Maltin li jieħdu ħsieb dawn il-fortifikazzjonijiet ?

______________________________________________ (1)

3.7 X'kienu jagħmlu dawn is-suldati meta jaraw l-għadu riesaq ?

______________________________________________ (2)

3.8 Min kien il-Gran Mastru li bena tlettax-il binja bħal dik ta' Sors B?

______________________________________________ (1)

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**4. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**



**Sors C**



**Sors D**

4.1 Mil-liema belt mibnija mill-Kavallieri huma meħuda dawn ir-ritratti? ____________________(1)

4.2 Mir-ritratti x'tinduna li kienet karatteristika prinċipali ta' din il-belt?

______________________________________________________________________ (1)

4.3 Semmi **żewġ** differenzi li tinnota bejn dawn iż-żewġ ritratti.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

4.4 Min għamel il-pjanta ta' din il-belt?

______________________________________________________________________ (1)

4.5 Min għen lill-Kavallieri fil-bini ta' din il-belt?

______________________________________________________________________ (1)

4.6 Minn fejn inqata' l-ġebel għall-bini ta' din il-belt?

______________________________________________________________________ (1)

4.7 Għaliex l-ewwel li nbew kienu s-swar ta' din il-belt?

______________________________________________________________________ (1)

4.8 Semmi **żewġ** binjiet importanti ta' żmien il-Kavallieri li nsibu f'din il-belt.

______________________________________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4.9.1 Fuq liema stil arkitettoniku nbnew il-faċċati ta' ħafna mill-bini ta' din il-belt?

4.9.2 Semmi karatteristika ewlenija ta' dan l-istil arkitettoniku.

(1)

4.10 Għaliex din il-belt għadha importanti għall-Maltin anke llum? Semmi **tliet** punti.

(3)

**(Total: 15-il marka)**

**5. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

"Fi żmien il-Kavallieri, u wkoll wara li huma telqu, f'Malta kien hawn industrija kbira tal-bini u t-tiswija ta' xwieni u bastimenti. Fil-Foss tal-Belt kien hemm Tarzna mgħammra tajjeb... Il-bini u t-tiswija ta' bastimenti kienu jħaddmu ħafna mgħallmin tas-sengħa, fosthom il-qlafat. Il-qalfat kien jimla l-fili ta' bejn il-planki tal-bastiment biex ma jħallix l-ilma jidħol fl-istivi. Is-sengħa tiegħu kienet ta' ħtieġa kbira għax jekk l-ilma jnixxi għal ġewwa l-istivi, mhux biss kien jagħmel ħsara lill-merkanzija, iżda kien jista' jisfa' wkoll ta' periklu u saħansitra jgħarraq lill-bastiment b'kollox..."

(Ġużè Galea, *Xogħol u Snajja' tal-Imgħoddi*)

5.1 Fuqiex titħaddet din is-silta?

(1)

5.2 Għaliex ix-xogħol tal-qalfat kien importanti?

(2)

5.3 Semmi **tliet** xogħlijiet u snajja' oħra marbuta mill-industrija tal-baħar fi żmien il-Kavallieri.

(3)

5.4 Għaliex il-flotta kienet importanti għall-Kavallieri?

(2)

5.5 Semmi **żewġ** tipi ta' nies li kienu jaqdfu fuq il-galeri tal-Ordni?

(2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

5.6 Semmi xi problema li setgħet tinqala' waqt vjaġġ fuq il-baħar.

______________________________________________

5.7 B'liema **żewġ** modi kienu jgawdu l-Maltin mill-industrija tal-baħar?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

5.8 X'kien isir mill-flus li l-Kavallieri kienu jġibu mis-sibi?

______________________________________________ (1)

**(Total: 14-il marka)**

**6. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.**



**Bieb l-Imdina**

6.1 F'liema stil huwa mibni dan il-Bieb?

______________________________________________ (1)

6.2 Għaliex daħla bħal din tolqot lil ħafna nies?

______________________________________________

______________________________________________ (1)

6.3 Liema perit kien responsabbli għad-disinn ta' dan il-Bieb?

______________________________________________ (1)

6.4 Semmi **żewġ** xogħlijiet oħra ta' dan il-perit.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

6.5 Għaliex kellu jsir ħafna bini fl-Imdina wara l-1693?

______________________________________________ (1)

6.6 Barra mir-restawr tal-Imdina semmi proġett ieħor li għamlu l-Kavallieri għall-użu tagħhom u tal-Maltin.

______________________________________________ (1)

6.7 Semmi mod kif gawdew il-Maltin minn xi proġett li għamlu l-Kavallieri.

______________________________________________ (1)

**(Total: 8 marki)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**7. Wieġeb il-mistoqsijiet.**

7.1 Semmi filosfu li kellu influwenza kbira fuq ir-Rivoluzzjoni Franċiża tal-1789.

______________________________________________ (1)

7.2 Għaliex il-bdiewa Franċiżi kienu mdejqa qabel ir-Rivoluzzjoni?

______________________________________________ (1)

7.3 Xi ġralu r-Re Lwiġi XVI matul ir-Rivoluzzjoni Franċiża?

______________________________________________ (1)

7.4 X'ġara mis-sistema fewdali fi Franza wara r-Rivoluzzjoni?

______________________________________________ (1)

7.5 Semmi **żewġ** effetti tar-Rivoluzzjoni Franċiża.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

**(Total: 6 marki)**

**8. Ikteb VERU jew FALZ dwar Franza qabel ir-Rivoluzzjoni.**

8.1 Ir-Re Lwiġi XVI kellu poter assolut. ______________

8.2 L-isqfijiet u l-kleru ma kinux ipprivileġġjati fi Franza. ______________

8.3 In-nobbli kellhom iħallsu ħafna taxxi. ______________

8.4 It-tmexxija tal-gvern kienet f'idejn l-avukati. ______________

8.5 Il-parlament kien ilu ħafna snin ma jiltaqa'. ______________

**(Total: 5 marki)**

**9. Ikteb fit-tul fuq WAĦDA minn dawn it-temi.**

9.1 Il-miġja tal-Franċiżi f'Malta u r-riformi li ppruvaw jagħmlu

9.2 L-irvell tal-Maltin u t-tkeċċija tal-Franċiżi

9.3 Ikteb paragrafu fuq kull waħda minn dawn:

a) l-importanza storika tal-Imdina
b) ir-raħal Malti
c) il-bini tal-akwadott
d) l-Inkwiżizzjoni

9.4 Ikteb fuq il-ħajja ekonomika u soċjali tal-Maltin fi żmien il-Kavallieri. Għandek titratta dwar ix-xogħlijiet u impiegi, il-qagħda tan-nies u l-livell ta' edukazzjoni f'dak iż-żmien.

**(Total: 20 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers